**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta’ Marzu, 2016

Rikors Nru : 310/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-hmistax (15) ta’ Settembru 2007 (ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel M li twieled nhar il-21 ta’ Frar 2011 li ghadu minorenni;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn erba’ (4) snin tant li ilu jghix gewwa Dubai b’mod permanenti ghal iktar minn erbgha snin mentri l-intimata telqet bit-tifel li kien ghad kellu ftit xhur tghix f’Malta. Huma legalment separati b’kuntratt redatt min-nutar Dottor Joanne Spiteri nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Ottubru elfejn u tlettax (2013) (ara Dok B anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra iffurmaw relazzjoni ma nies ohra;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet u ghar-rigward il-minuri;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dab jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz taghha ikkonfermat :

1. Illi hija m'ghandhiex oggezzjoni illi din il-Qorti tiddikjara xjolt iz-zwieg bejn il-kontendenti;
2. Illi ma tezisti l-ebda problema ghar-rigward ta' manteniment, inoltre m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
3. Illi l-intimata m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Awissu, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u ilhom legalment separati mit-28 ta' Ottubru 2013;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.